MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 273/2006/1

**Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi bhala kuratur ta' l-assenti Dr. Armin Bawart**

**vs**

**Goldenegg Enterprises Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Ottubru, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat illi l-attur nomine pprezenta rikors fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallsu s-somma ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000) imhallsa ndebitament lis-socjeta konvenuta mill-attur u dan in konnessjoni ma kuntratt ta' biegh redatt minn Nutar Hugh

Grima nhar it-tnejn (2) ta’ Lulju 2003, liema att sar bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 5247/2005 u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-sitta ta’Marzu 2007 fejn esponiet is-segwenti:-

1. Illi t-talba atttrici tezorbita l-kompetenza ratione valoris ta’ din l-Onorabbli Qorti, stante li r-rikorrenti qed jitlob is-somma ta hamest elef lira Maltin (LM5,000) kif ukoll l-imghaxijiet legali, bi ksur li jiddisponi l-artikolu 760(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Illi in oltre qabel xejn, ir-rikorrenti ghandu jipprova li r-rikorrenti proprio ma kienx qieghed Malta fil-jum meta gie pprezentat l-avviz.
3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li s-socjeta intimtata rceviet xi hlas indebitu minghand r-rikorrenti in konnessjoni mal-kuntratt indikat fl-avviz.
4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalsiasi kaz, ir-rikorrenti m’ghandux dritt jitlob ebda rifuzjoni minghand is-socjeta intimata stante li r-rikorrenti ma effettwa l-ebda hlas bi zball.
5. Illi dejjem minghajr pregudizzju, l-ittra ufficcjali 5247/2005 indikata mir-rikorrenti fir-rikors promotur qatt ma giet notifikata lis-socjeta intimata u ghalhekk l-istess socjeta intimata m’ghandhiex tbati l-ispejjez taghha.
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar l-erbatax ta’ Mejju 2007 xehed **Dr. Armin Bawart**, bil-lingwa Ingliza u kkonferma li huwa jghaddi zmien twil barra minn Malta u fil-fatt jiftakar li kien halla prokura f’idejn l-Avukat tieghu Dottor Stefan Zrinzo Azzopardi qabel ma halla

dawn il-Gzejjer, u dan sabiex l-istess Avukat ikun jista jidher ghan-nom tieghu fil-proceduri tal-Qorti. Ikkonferma ukoll li kien ta' istruzzjonijiet lill-Avukat tieghu sabiex ifittex lis-socjeta intimata ghas-somma ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000) oltre l-imghaxijiet u spejjes legali.  Huwa esebixxa kuntratt redatt minn Nutar Hugh Grima nhar id-disgha ta' April 2003 li permezz tieghu huwa kien xtara appartament u garaxx minghand is-socjeta intimata. Spjega li f'dan il-kuntratt hemm klawsola li huwa kien qed ihallas is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (LM22,000) rappresentanti taxxa u kwalsiasi taxxa li talvolta setghet kienet dovuta oltre s-somma minnu imhalsa kellha tigi imhalsa mis-socjeta intimata. Spjega ulterjorment li jekk jirrizulta li kien hemm xi interessi dovuti minhabba tali penali dawn l-interessi kellhom jithalsu minnu.  Qal li Dottor Grima kien qallu ukoll li f'kaz ta' penali din kellha tkun mahduma bir-rata ta' 35%.

Illi fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' Mejju 2007 huwa esebixxa numru ta' dokumenti fosthom *boarding pass* mahruga mis-socjeta Airmalta li tindika li fit-tnax ta' Settembru 2006 huwa kien barra minn Malta u li kien mar Vienna u rritorna lura fis-sebgha w ghoxrin ta' settembru 2006 (vide dok. Z fol.29), il-prokura li kien ta lil Dottor  Zrinzo Azzopardi datata tmintax ta' Awwissu 2006 li giet markata bhala dok. X fol. 30, zewg konvenji li jikkoncernaw il-kontendenti u l-mertu ta' din il-kawza li gew markati bhala dokumenti Y u Y 1,u kopja ta' ittra ufficjali datata ghaxra ta' Gunju 2005 li giet markata bhala dokument S.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 2007 ir-rikorrenti rega xehed u spjega li l-hames elef lira Maltin (LM5,000) li qed jippretendi mis-socjeta intimata jirraprezentaw hlas zejjed li huwa ghamel u li effetivament kellu jsir mis-socjeta intimata. Huwa esebixxa dokument iehor mahrug mill-Volksbank li juri l-pagament li efffettivament

ghamel lis-socjeta intimata. F'din l-istess seduta huwa ikkorega x-xhieda tieghu precidenti fis-sens illi ma kienx Dottor Grima li tah il-parir dwar it-taxxa li kellu jhallas izda Dottor Aquilina l-Avukat tas-socjeta intimat. Jghid ukoll pero li kien Sandro Chetucti li kien qallu kemm kienet dovuta t- taxxa fuq il-kuntratt li ghamel.

Illi nhar il-wiehed w ghoxrin ta' Mejju 2007 is-socjeta intimata irtirat it-tieni eccezzjoni taghha u fis-seduta tad-disgha ta' Lulju 2007 il-partijiet ittrattaw l-ewwel eccezzjoni preliminari u fil-fatt din is-sentenza illum ser tkun titratta biss l-ewwel eccezzjoni u cioe dik dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris*.

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jikkoncerna l-kwistjoni hawn involuta jghoddu, b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 746 tal-Kodici ta' Procedura r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 748 (a) u 760 (1) u, ukoll, l-Artikolu 765. Dawn qeghdin jigu hawn riprodotti:-

(1) “Il-valur ta' l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba meta t-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata” - Artikolu 748 (a);

(2) “Fil-kawzi dwar kapitali u mghaxijiet, il-valur jigi determinat mis-somom tal-kapitali u ta' l-imghaxijiet flimkien” - Artikolu 760 (1);

(3) “Sabiex jigi determinat il-valur ta' l-oggett li fuqu jkun hemm il-kwestjoni, m' ghandu jittiehed ebda qies tal-frottijiet, taz-zieda b' accessjoni, tad-danni jew ta' l-imghaxijiet, li jkun hemm matul il-kawza” - Artikolu 765;

Ma jista' qatt ikun dubitat, u, anzi, hu pacifikament accettat, illi “hu l-att promotur kif introdott, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li

allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha" ("**Frankie Refalo *nomine* -vs- Jason Azzopardi *et***", Appell, 7 ta' Ottubru 1997). Dan wara kollox mhux hlief ir-affermazzjoni tal-principju generali tad-dritt proceduralі stabbilit fl-Artikolu 748. (Ara **Kollez. Vol. XXXII P I p 196**);

Logikament is-suddetta enuncjazzjoni hi dipendenti minn natura tad-domanda. Hekk fil-kaz li din tkun tirreferi ghal somma ta' flus jokkorri li din tigi mistharrga skond kif preskritt fl-Artikolu 760 (1) tal-Kodici ritwali. Jinghad a propozitu mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni** (**Numru 9251, 2004**), b' riferiment ghall-identiku provvediment tal-Kodici Taljan ta' Procedura, illi "*ai fini della determinazione della competenza per valore nelle cause per pagamento di somme di denaro, deve aversi riguardo a quanto in concreto richiesto dall' atto, e non all' oggetto dell' accertamento che il giudice deve compiere quale antecedente logico per decidere il fondamento della domanda*";

Issa apparti mill-premess, meta wiehed joqghod unikament ghat-termini ta' l-avviz kif koncepit isib li f' dan il-kaz ir-rikorrenti talab ir-rifuzjoni tas-somma kapitali ta' hamest elef lira (Lm5000) rapprezentanti l-hlas maghmul mir-rikorrenti lis-socjeta intimata indebitament, u l-imghax legali minn meta ghamel il-pagament imsemmi. L-azzjoni tieghu tendenti ghal dan il-hlas sar fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2006 (skond id-data tar-ricevuta tal-Volksbank);

F' dan il-kwadru, dejjem ukoll b' riferiment ghall-Artikoli 748 (a) u 760 (1) id-domanda ghal fini tal-kompetenza trid tigi valutata fil-kontenut taghha ghall-mument li fiha tigi proposta. Naturalment id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 760 hi kontraddistinta minn dik ta' l-Artikolu 765 in kwantu tirreferi ghall-interessi skaduti, ossija maturati qabel l-att introduttiv tal-kawza, u mhux ukoll dawk posterjuri.

F' kaz bhal dan jikkonsegwi illi ghad-determinazzjoni tal-valur tal-kawza wiehed irid *per forza* u, b' necessita`, jiehu qies tas-somma mitluba bhala kapital u ghandhom jigu komposti l-interessi successivi qabel u wara n-notifika ta' l-att promotur;

Meta r-rikorrenti espressament talab, oltre l-hlas tas-somma kapitali, ghall-hlas ta' l-interessi skaduti dawn l-istess interessi maturati u hekk rikjesti ghandhom jigu assommati mas-somma kapitali mitluba. It-talba hi wahda ben esplicita, jigifieri l-hlas ta' imghax legali. Domanda bhal din, fl-opinjoni tal-Qorti, hi wahda ta' indoli principali u mhux merament *in subsidium.*

F'dan il-kuntest issir refernza ghas-sentenza riportata a **Vol. XXVII P I p 978**,li tipprovdi s-segwenti:-

"*Ne si puo` dire essere la condanna relativamente a quella somma domandata solo in via secondaria poiche`, a parte la quistione se sia corretto l' asserire non doversi prendere in calcolo, pei fini della competenza, una domanda posta in subordine, è certo che nel presente caso la domandata condanna non puo` essere, per alcun verso, qualificata come domanda subordinata … È naturale che se il domandante rimanga soccombente nella chiesta dichiarazione dovra cadere pur anche la conseguenziale domanda; con cio`, pero`, non si dimostra essere l' una principale e l' altra secondaria, ma invece l' una è di fondamento dell' altra. Ne` è secondaria la domanda pei lucri perche essa forma un unico oggetto colla domanda per la sorte*."

Applikat dan it-taghlim ghall-kaz prezenti, l-interessi kif mitluba fl-att ta' l-avviz ghandhom ghal fini tal-kompetenza jigu addizzjonati mas-somma kapitali ta' hamest elef lira (Lm5000) u dan igib li *ratione valoris* is-somma globali kienet tissupera l-

ammont massimali prefiss fl-Artikolu 47 (1) tal-Kapitolu 12 ghall-iskop ta’ kompetenza tal-Qorti Inferjuri ta’ gurisdizzjoni civili;

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Civili (sede Inferjuri) fis-sentenza moghtija nhar l-erbgha ta’ Ottubru 2006 fl-ismijiet Anthony u Doris Abela vs Antoine Vassallo, f’ ismu personali, u kif ukoll fl-interessi u ghan-nom ta’ Antoine Auto Dealer Ltd. fejn intqal li:-

“*Kieku ried l-attur messu kkoncepixxa l-avviz tieghu b’ mod iehor anqas espost ghall-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza sollevata izda, la huwa ma ghamelx dan, il-Qorti kienet tenuta toqghod fuq dak li gie propost lilha. F’ dan il-kaz, kif gja manifest, l-attur ma talabx biss il-pagament ta’ somma kapitali determinata izda r-rikjesta ghall-imghax ulterjuri fuq din is-somma. Kieku m’ghamolx dan seta’ jinghad li dik is-somma ma ggib ebda spostament fil-kompetenza ghaliex bid-domanda tal-hlas ta’ somma specifika hu wera l-volonta` tieghu li jzomm il-kumpless tad-domanda fil-limiti tal-kompetenza tal-Qorti adita. Invece huwa talab ukoll il-hlas ta’ l-imghaxijiet li kienu gja immaturaw. In vista ta’ l-Artikolu 760 (1) dan ghamel id-domanda tieghu tesorbita mill-isfera ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti ta’ l-ewwel grad.”*

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula din il-Qorti qed tilqa l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta intimata tal-inkompetenza *ratione valoris* u tiddikjara ruha inkompetenti sabiex tkompli bil-gbir tal-provi ta’ din il-kawza u konsegwentement tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz prezenti. Jibqa’ rizervat favur r-rikorrenti nomine kull dritt ta’ azzjoni quddiem il-Qorti kompetenti.

L-ispejjes ta din il-kawza ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti nomine.**”**

L-aggravji ta' l-attur *nomine* fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza huma hekk artikolati:-

(1) L-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata billi mill-atti ma jirrizultax li t-talba tieghu giet formulata b'mod li l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data ta' meta sar il-hlas;

(2) Trattasi ta' dejn civili l-imghaxijiet jibdew jghoddu minn dakinhar li ssehh in-notifika ta' l-att gudizzjarju, li f'dan il-kaz hu kostitwit mill-att ta' l-Avviz;

(3) It-talba ma teccedix il-kompetenza *ratione valoris* in kwantu l-imghaxijiet reklamati huma dawk biss dekorribbli minn notifika ta' l-Avviz, u mhux ukoll dawk anterjuri ghalih;

Skond l-Artikolu 47 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija limitata ghall-pretensjonijiet li l-ammont taghhom ma jeccedix il-hamest elef lira (Lm5000). Hu dispost, imbaghad, fl-Artikolu 748 (a) ta' l-istess Kodici illi l-valur ta' l-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba meta din hija ghall-hlas ta' somma determinata. Li jfisser, illi r-rabta bejn il-Qorti u l-kontroversja, ghal skop ta' kompetenza, taghmilha l-oggett tat-talba;

Fil-kaz prezenti l-azzjoni attrici ghandha bhala presuppost taghha talba ghal hlas ta' somma specifika (Lm5000) li l-attur *nomine* qed jallega li giet indebitament imhallsa lis-socjeta` konvenuta. Oltre dan, l-istess attur *nomine* talab ukoll l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv. F' qaghda bhal din is-socjeta` konvenuta, li ssollevat l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza, htigilha tiddemostra li l-valur tal-*petitum*, kif koncepit, ma kienx jirrientra fil-kompetenza tal-Qorti adita;

Hu stabbilit mill-Artikolu 760 (a) tal-Kapitolu 12 illi "fil-kawzi dwar kapitali u mghaxijiet, il-valur jigi determinat mis-somom tal-kapitali u ta' l-imghaxijiet flimkien". F' din il-komputazzjoni huma eskluzi mid-dispost ta' l-Artikolu 765 ta' l-istess Kapitolu 12 dawk l-imghaxijiet li jkun hemm matul il-kawza. Fil-kumment rakkolt mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-24 ta' Novembru, 1930 in re: "**Michel'Angelo Zammit -vs- William Portelli**", jinghad dan:-

"*Che giusta l'articolo 767 delle detti leggi, pei fini della competenza, il valore nelle cause per capitali e lucri, che fossero stati chiesti colla domanda, e non gia degli ulteriori lucri che fossero decorsi durante le more della causa, poiche l'articolo 772 fa divieto di cumulare i frutti e gli interessi che avessero luogo pendente il giudizio. Con tali disposti è evidente che scopo del legislatore fu quello di radicare la competenza e base del valore o della somma di capitali e lucri come chiesti nella citazione; mentre una Corte di giurisdizione limitata non potrebbe divenire incompetente pel solo fatto che, cumulati gli interessi maturati durante il giudizio, il limite della sua competenza venisse ecceduto*";

Minn dan li nghad s'issa bhala parametri ta' riferiment, ghal fini tad-determinazzjoni tal-valur ta' kawza ghandu jittiehed rigward:-

(i) ghal dak konkretament mitlub bid-domanda;
(ii) id-data ta' dik l-istess domanda;

Kif taraha din il-Qorti, mill-mod kif inhi koncepita d-domanda ta' l-attur appellanti l-imghaxijiet ma humiex suxxettivi ta' estimazzjoni pekunjarja ghal fini li jkunu assommati mas-somma kapitali mitluba. Fil-verita`, is-supposizzjoni ta' l-ewwel Qorti illi l-attur *nomine* talab l-imghax legali "minn meta ghamel il-pagament imsemmi" ma tirrizulta minn ebda parti tad-domanda promotrici, kif artikolata fl-Avviz. L-attur *nomine*, anzi, illimita ruhu biex jitlob l-imghaxijiet "sad-data tal-pagament effettiv" u dan

minghajr ma rabat din il-pretensjoni tieghu ma' xi data anterjuri ghall-prezentata ta' l-Avviz tieghu. La tali kienet it-talba rikjesta mill-attur *nomine*, l-ewwel Qorti ma kellhiex tassumi hi li dan kien qed jippretendi wkoll il-hlas ta' imghaxijiet minn meta ghamel il-pagament tas-somma kapitali. F'kazijiet bhal dawn, dejjem fir-rispett tan-norma stabbilita mill-Artikolu 748 (a), il-Qorti hi mistennija li toqghod fl-argini ta' dak mitlub fil-konkret u mhux ukoll ta' dak li ma ntalabx, bir-riskju li dan jikkreja spostament tal-kompetenza;

Xejn kuntrarju ghal dak li nghad ma jista' jingibed mis-sentenza citata mill-ewwel Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Abela *et* –vs- Antoine Vassallo *proprio et nomine***" (Appell Inferjuri, 4 ta' Ottubru, 2006) ghax ic-cirkostanzi ta' dik il-kawza huma distinti minn dik prezenti. F'dak il-kaz l-atturi kienu dikjaratament ippretendew ukoll, oltre s-somma kapitali ta' hamest elef lira, l-imghaxijiet minn data anterjuri ghal dik tal-prezentata ta' l-azzjoni, u allura, fuq l-istregwa tad-decizjoni a **Vol. XXVII P I p 978**, ikkonsegwa illi d-domanda ghall-interessi kienet tifforma "*un unico oggetto colla domanda per la sorte*". Il-kaz prezenti ma jinkwadrax ruhu f'din l-ipotesi. Konsegwentement, ghall-fattispeci, tghodd l-osservazzjoni dibattuta wkoll fil-precitata sentenza fis-sens illi "fl-ipotesi li fih fl-att ta' l-avviz jew tac-citazzjoni hu mitlub, barra mill-hlas tas-somma kapitali anke l-interessi legali, minghajr ma jkun specifikat jekk dawn jirreferux o meno ghal perijodu precedenti ghan-notifika tac-citazzjoni, allura d-domanda gudizzjali tintegra *per se* att ta' kostituzzjoni in mora u dan igib li l-interessi jibdew jghaddu mid-data tan-notifikazzjoni ta' l-avviz, jew tac-citazzjoni. F'kaz bhal dan jikkonsegwi illi ghad-determinazzjoni tal-valur tal-kawza wiehed irid per forza u, b'necessita, jiehu qies tas-somma mitluba bhala kapital u ma ghandhomx jigu komposti l-interessi successivi ghan-notifika ta' l-att promotur".

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellata. Tiddikjara invece illi l-Qorti

Inferjuri kienet hekk kompetenti *ratione valoris* li tiehu konjizzjoni tat-talba attrici u konsegwentement tirrinvija lura l-atti lil dik l-istess Qorti ghal kontinwazzjoni u definizzjoni tal-mertu u ta' l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta` kovenuta ghalih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------